Minuti tal-54 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 31 ta' Awissu, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Camilleri Anthony |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-53 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Permessi godda kmamar tan-Nar gewwa l-Gharb**

2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet dahlet applikazzjoni gdida ghal bini ta' fabbrika tan-Nar gdida gewwa l-Gharb. Emanuel Muscat qal li suppost ikun hemm il-kunsens tan-nies meta wiehed jigi biex japplika ghal karma tan-nar gdida.

2.2 Is-Sindku issugerixxa sabiex tintbghat ittra lill-Membri Parlamentari dwar l-applikazzjonijiet u permessi ghal kmamar tan-Nar godda u fl-istess waqt jigu kkupjati NGO's.

Emanuel Muscat ukoll issugerixxa li ghandha tintbghat ittra lil dawk kollha li joqghodu fi Triq Birbuba jew fl-inhawi bhal ma huma Trejqet is-Sisien, Triq Trux 'il parti t'isfel u lil dawk kollha li joqghodu sa 400 metru 'il boghod mill-post propost fl-applikazzjoni 'il gdida.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

2.3 Is-Sindku issugerixxa li l-Kunsill ghandu jitlob l-assistenza ta' diversi sabiex fiz-zona ma jinbnews aktar kmamar tan-nar fiz-zona.

Il-Vici Sindku staqsiet jekk il-Kunsill hux ser jaghmel petizzjoni. Gie innotat li l-Kunsill kien diga ghamel referendum u ghalhekk m'ghandix issir il-petizzjoni.

Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li hemm hafna rregolaritajiet fil-permess tal-*outline* li ghandu kif hareg u li dawn ghandhom ikunu innutati.

2.4 Is-Sindku issugerixxa li ghandhom ikunu prezentati l-preokkupazzjonjiet tal-Kunsill f'isem ir-residenti. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

2.5 Is-Sindku qal li sa issa fuq dan il-kaz kien qed jahdem Dr. Grech u fl-opinjoni tieghu huwa tajjeb li dan jibqa' jahdem. Huwa ssugerixxa li ghandha tigi inkluza ukoll Dr. Georgine Schembri. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.6 Il-Vici Sindku qalet li jkun tajjeb jekk jigu inkluza s-sidien tal-farmhouses. Emanuel Muscat qal li ghalhekk huwa issugerixxa li jinkitbu l-ittri lir-residenti ta' din iz-zona. Emanuel Muscat semma bhala sidien tal-farmhouses lil SMS, Lamrocchi, Andrew Portelli, Betty li ghandha l-B&B, Baron Group, Louis Agius, Josephine Agius u Sandro ta' l-Industrija tal-bini.
Huwa ssugerixxa li l-ittra tintbghat ukoll lil dawk li joqghodu fit-toroq li minnhom jghaddi n-nar. Is-Sindku qal li kollox ghandu jsir fil-proporzjonalita' tieghu.

Emanuel Muscat qal li huwa ma jaqbilx mar-ragunar li jekk ma jinhargux il-permessi u allura wiehed ghandu jabbuza u jippermettuhom li jahdmu n-nar gewwa d-dar.

Huwa zied jghid li jkun importanti li l-affarijiet li jinbieghu relatati man-nar jigu *traced.*

## 3.0 Cirkulari Nru. 16/2016 – Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv

3.1 Is-Sindku spjega li din ic-cirkulari kienet intbghatet lill-Kunsilliera permezz ta' l-*email*. Gibed l-attenzjoni li l-Ansek li hija l-Assocjazzjoni tas-Segretarji Ezekuttiv kienet dahlet f'diskussjonijiet mad-Dipartment dwar *issues* ta' din ic-cirkulari sabiex jigu ccarati u ghaldaqstant fil-prezent talbet biex din ic-cirkulari tigi pprezentata quddiem il-Kunsill pero' ma jintaghzel hadd. Saret diskussjoni dwar dan fejn Emanuel Muscat qal li iktar jaghmel sens li jkun xi hadd li jaf ix-xoghol tal-Kunsill milli xi hadd li jkun gej mill-*pool* tal-prospettivi Segretarji Ezekuttivi.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Il-Kunsill qabel li din ghandha tithalla pendenti sakemm terga' tigi re-diskussa.

**3.0 Korrispondenza u materji ohra**

3.1 Leaflet dwar Jum l-Anzjani li ser jigi organizzat gewwa l-Imdina. Is-Sindku issugerixxa sabiex issir harga ghal Malta fejn l-anzjani jattendu ghall-attivita' ta' l-Imdina u wara jmorru jieklu x'imkien fil-qrib bhal Mdina jew il-Villagg tas-Snajja ta' Qali. Din l-attivita' tista' ssir fl-14 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-harga.

3.2 Minghand id-Divizjoni ghall-Ippjanar u Koordinazjoni tal-Prijoritajiet fejn il-Kunsill gie infurmat li l-espressjoni ta' interess tal-Widien li kien applika ghalihom iktar kmieni din is-sena giet milqugha. Gie spjegat li l-Kunsill xorta ghandu jrid jissottometti applikazzjoni ohra ghall-fondi sabiex dawn ikunu jistghu jinghataw. Dan ser isir la darba jkunu disponibbli. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-applikazzjonijiet mehtiega tal-MEPA b'dak kollu li jirrekjedu sabiex ikun jista' japplika la darba tinhareg is-sejha ufficjali.

3.3 Minghand Josephine Galea li kienet rebbhet il-Premju Qlub Generuzi f'Jum l-Gharb ta' din is-sena. Inqrat l-ittra ta' ringrazzjament li hija kitbet lill-Kunsill. Is-Sindku issugerixxa li din l-ittra tigi ppublikat fuq il-leaflet tal-Kunsill 'Il-Pjazza'. Il-Vici Sindku issugeriet li l-poezija miktuba minn Maria Cassar ukoll tista' tigi ppublikata. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

3.4 Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li ser jinghata l-ammont ta' €200 ghal xiri ta' kotba ghal-librerija.

3.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp PA4278/16 u PA4757/16.

3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-parti l-gdida ta' Triq Tumas Cassar, il-permess kien inhareg sabiex issir it-triq u dan kien accettata min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Gie spjegat ukoll li s-sid tar-residenza 'Zgugina' suppost li qeghda tehel multa kuljum peress li ma rieditx tnehhi l-*gate.* Saret ukoll referenza ghall-problema ezistenti li fuq il-*map server* tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar it-triq qeghda tidher bhala Patri Albert Caruana bi zball u din trid tigi kkoreguta.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm problema mall-Paying Agency fir-rigward tal-fondi li ghad iridu jithallasu lill-kuntrattur JGC Ltd li kien ghamel ix-xogholijiet tal-ground. Wara diskussjonijiet li kien hemm mall-Paying Agency dawn kienu qed jissugerixxu li l-Kunsill ihallas l-kont pendenti min-naha tieghu u wara jigi *reimbursed.* Il-Kunsill gie infurmat ukoll dwar il-proceduri ta' kif jigu pprezentanti u processati d-dokumenti. Is-Sindku talab lill-Paying Agency sabiex jaghmlu l-ittra bil-miktub fejn huma jitolbu li l-hlas isir min-naha tal-Kunsill. Hekk kif tasal l-ittra din tintbghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghad-direzzjoni min-naha taghhom. Emanuel Muscat issugerixxa li jekk il-Kunsill ghandu jhallas ihallas biss *part-payment*.

3.8 Minghand il-Windrose fir-rigward ta' l-attivita' li ser issir f'San Dimitri fejn ser jigi inawgurat il-pinnur.

Saret proposta ukoll sabiex ikun hawn food stalls u banda/ghaqda folkloristika.

3.9 Is-Sindku spjega li twahhlet banner fi Triq l-Gharb bhala parti mill-attivitajiet ta' European Mobility Week.

3.10 Il-Vici Sindku semmiet li l-istudenti ta' l-Ghasri li juzaw il-minibus ihallsu inqas minn ta' l-Gharb. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill ma kienx dahal fiha peress li ma kienux inghataw fondi.

3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-award ta' l-EDEN kien ittiehed lil AF Ellis biex jara jistghax isir bhalu.

## 4 Aggornament

4.7 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-5 ta' Ottubru, 2016.

4.2 Il-laqgha spiccat hin 3.35pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |